31 ta' Ottubru, 1953

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Antonio Caruana

**Appell — Nullità — Sentenza.**

*Wieħed mill-każijiet li fihom l-Attorney General jista' jappella minn sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati huwa dak li fih il-Maġistrat ikun illibera lill-imputat għaliex ikun ireritjena li ma kienux jirrikorru fil-fatt il-kostitutivi tar-reat.*

*Dan il-każ ġie dejjem limitat għal meta l-Maġistrat, bla ma jkun daħal fl-eżami tal-fatti tal-kawża, ikun iddikjara li l-fatt "kif dedott" ma jikkostitwix reat. Susseġwentement l-interpretazzjoni ta' dan il-każ ġiet estiża fis-sens li l-Attorney General jista' jappella meta l-Maġistrat ikun applika għal-fatt enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat; għax intqal li l-appell ikun allura fuq punt ta' dritt.*

*Biex il-Qorti tara jekk f'każ simili huwiex ammissibili l-appell millparti tal-Prosekuzzjoni, għandha teżamina s-"sustanza" tad-deċiżjoni appellata fil-kumpless tagħha.*

*Jekk in sostanza l-Maġistrat ikun qal li fil-kontravvenzjonijiet mhix meħtieġa l-intenzjoni kriminuża, imma hi biżżejjed il-volontarjetà, u li dik il-volontarjetà għandha tiġi eżaminata "caso per caso", u mbagħad ikun għadda għall-fatti, u in bażi għall-apprezzament tagħhom ikun wasal għall-konklużjoni li l-imputat ma kienx ħati, jiġifieri illi fil-każ in ispeċje ma kienetx tirrikorri l-volontarjetà, ma hemm ebda enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi; u għalhekk l-appell tal-Prosekuzzjoni ma hux ammissibili, u huwa irritu u null.*

L-imputat ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-

Maġistrati ta' Malta fuq l-imputazzjoni illi biegħ ġelati li ma kienux tajba u li kienu ta' ħsara għas-saħħa;

B'sentenza tagħha tad-19 ta' Awwissu 1953 dik il-Qorti lliberat lill-imputat;

L-Attorney General appella minn din id-deċiżjoni, u talab li tiġi revokata, u li l-imputat jiġi dikjarat ħati skond l-imputazzjoni;

Trattat l-appell quddiem din il-Qorti, Dr. Flores, difensur tal-imputat, issolleva l-eċċezjoni tal-inappellabilità tad-deċiżjoni in parola;

Din il-Qorti kkunsidrat, fuq din l-eċċezzjoni;

B'l-liġi, l-Attorney General ma jistax jappella dejjem, imma biss f'ċerti każijiet speċifikati mill-liġi stess. Wieħed minn dawn il-każijiet hu dak li fih il-maġistrat ikun illibera għaliex ikun irritjena li ma kienux jikkonkorru fill-fatt il-kostitutivi tar-reat. Għal raġunijiet kemm il-darba spjegati fil-ġurisprudenza, dan il-każ ġie dejjem limitat għal meta l-Maġistrat, bla ma jkun daħal fl-eżami tal-fatti tal-kawża, ikun iddikjara li l-fatt "kif-dedott" (apparti mill-provi, u għalhekk mhux il-fatt kif pruvat) ma jikkostitwixxix reat. Sussegwentement, il-ġurisprudenza, ormaj paċifika, estendiet l-interpretazzjoni ta' dan il-każ li fih l-Attorney General jista' jappella billi nkludiet fih anki l-każ meta l-Maġistrat ikun applika għall-fatti enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat, għaliex intqal li l-appell ikun allura fuq punt ta' dritt;

Il-Prosekuzzjoni fil-każ preżenti qegħedha tinvoka, għall-ammissibilità tal-appell tagħha, din l-interpretazzjoni tal-aħħar;

Issa, biex din il-Qorti tara jekk f'każ simili huwiex ammissibili l-appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni, għandha teżamina, kif sewwa qal l-Imħallef Sir Philip Pullicino fl-Appell "Pol. vs. Borg", 12 ta' Jannar 1929, is-"sustanza" tad-deċiżjoni appellata fil-kumpless tagħha;

Issa, x'inhi s-sustanza ta' din id-deċiżjoni li jrid jappella minnha l-Attorney General?

Il-Maġistrat *in sostanza* qal li fil-kontravvenzjonijiet ma hix meħtieġa l-intenzjoni kriminuża, imma hi biżżejjed il-volontarjetà, u li din il-volontarjetà għandha tiġi eżaminata "caso per caso"; għaliex jista' jkun hemm każijiet eċċezzjonali li fihom il-volontarjetà tkun eskluża minħabba ċirkustanzi ta' żball essenzjali u invinċibili. Imbagħad il-Maġistrat għadda għall-fatti, u in bażi għall-apprezzament tagħhom wasal għall-konklużjoni li l-imputat ma kienx ħati; vwoldiri, li fil-każ in ispeċje ma *kienetx tirrikorri* l-volontarjetà;

*Infatti*, il-Maġistrat, *b'riferenza* għar-regola tal-*volontarjetà* u għall-każijiet eċċezzjonali li fihom tista' tiġi eskluża, qal:— "Għalhekk ma tistax tiġi akkolta t-teżi tal-Prosekuzzjoni illi biżżejjed għall-imputabilità tal-kontravvenzjoni l-volontarjetà tal-fatt mingħajr ebda distinzjoni bejn każ u każ";

U immedjatament wara qal:— "Tibqa' *dejjem* il-kwistjoni di fatto". Hu ċar għalhekk, li fis-sentenza appellata ma kienx hemm enunċjazzjoni *ħażina* ta' l-ipotesi tal-liġi, għaliex hu sewwa li *għall-kontravvenzjonijiet biżżejjed* il-volontarjetà, u hu sewwa wkoll li jista' jkun hemm każijiet eċċezzjonali li fihom il-volontarjetà tiġi eskluża bi żball essenzjali u invinċibili. Seta' kien hemm fis-sentenza appellata (fuq daqshekk din il-Qorti mhijiex qiegħda tippronunzja ruħha bl-ebda mod) apprezzament żbaljat tal-fatti, fis-sens li l-Maġistrat seta' żbalja meta rritjena li f'dan il-każ il-volontarjetà kienet eskluża, imma hu ovvju li dan hu sempliċi apprezzament ta' fatt li ma hux sindakabili minn din il-Qorti. Din għalhekk *kienet*, fi *ftit* kliem, is-sustanza *tad-deċiżjoni*: "għall-kontravvenzjonijiet biżżejjed il-volontarjetà, iżda din tista' eċċezzjonalment tiġi eskluża bi żball essenzjali u invinċibili; u fiċ-ċirkustanzi ta' fatt fil-każ preżenti, il-volontarjetà hija eskluża". B'daqshekk ma hemmx ebda enunċjazzjoni erronea jew inkompleta ta' l-elementi tar-reat;

Fil-kors tad-dibattitu l-Avukat tal-Kurruna osserva li l-każ hu ta' importanza kbira. Dan mhux diskuss, għaliex hi ħaġa serja ferm li, ormaj ta' spiss, numru mhux indifferenti ta' nies jiġu avvelenati b'ġelati; imma din ma hix raġuni biex jiġu varjati r-regoli proċedurali, imma tista' tkun raġu-

ni biex, kif osserva l-Maġistrat, jiġu sollecitament promulgati regolamenti li bihom il-pubbliku jkun aktar effikaċement salvagwardat;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni tad-difiża, u tiddikjara l-appell tal-Prosekuzzjoni irritu u null; u bħala tali tirrespinġih.